*is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 jagħti dritt ta' appell mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali fuq punt ta' liġi biss, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta – il-leġiżlatur ma riedx li l-apprezzament li jkun għamel it-Tribunal tal-provi rigwardanti t-tkeċċija inġusta tal-impjegat, jiġu sindakati minn din il-Qorti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 18/2021 LM

**Avv Robert Gauci Maistre bħala mandatarju speċjali ta' Baran Duman (Passaport Tork Nru UO5912226)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Tipbet (C 63741)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Tipbet (C 63741)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni nru 2709 [minn issa 'l quddiem 'id-

deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fil-15 ta' Frar, 2021, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru 3716/JHP, fejn it-Tribunal iddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Avv. Robert Gauci Maistre bħala mandatarju speċjali ta' Baran Duman (Passaport Tork Nru UO5912226)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] fil-konfront tal-imsemmija appellanta, billi ddikjara li t-terminazzjoni tal-imjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni ġusta u skont il-liġi, filwaqt li ordna lis-soċjetà appellanta tħallas lill-appellat kumpens ta' €7,000 fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dik id-deċiżjoni appellata.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat minn mal-appellanta. L-appellat daħal jaħdem mal-appellanta fil-kariga ta' *Turkish Speaking Customer Support* fil-31 ta' Diċembru, 2016 skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġew miftiehma bejniethom fil-kuntratt tax-xogħol bl-istess data.[1] Iżda fl-10 ta' Diċembru, 2018 l-appellanta tterminat l-impjieg tal-appellat magħha għar-raġuni ta' *"poor work performance"*.[2]

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fl-21 ta' Jannar, 2019 permezz ta' nota segwita b'dikjarazzjoni fl-4 ta' Marzu, 2019, fejn talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu minn mal-appellanta kienet waħda

[1] Dok. A *a fol.* 9.
[2] Ittra *a fol.* 31.

inġusta u sabiex ukoll jordna li jitħallas lilu kumpens xieraq mill-imsemmija appellanta.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet permezz ta' dikjarazzjoni fil-1 ta' Marzu, 2019, fejn sostniet li t-talbiet tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk kellhom jiġu miċħuda.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"8. **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:***

*It-Tribunal fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu ħa konjizzjoni ta' tlett sitwazzjonijiet li ġraw fattwalment f'dan il-każ odjern.*

*(a) Ġie stabbilit li ir-rikorrent kellu xi numru ta'* complaints *li tnejn minnhom ġie allegat li kienu il-fulkru għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu.*

*(b) Ġie stabbilit li dawn il-*complaints *fit-total tagħhom ġew mitqiesa bħal "*poor work perforamnce*" u li għalhekk ġie itterminat l-impjieg tar-rikorrent.*

*(c) Ġie ukoll stabbilit li filwaqt li is-soċjetà intimata tenniet li żewġ* complaints *li setgħu wasslu għat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent, kienu ġew mgħoddija lill-Awtorità Maltija tal-Logħob, mis-soċjetà intimata, u li dawn setgħu kienu il-kaġun li is-soċjetà intimata titlef il-liċenzja għall-operat tagħha.*

*It-Tribunal Industrijali innota dan li ġej:*

*(a) Ġie stabbilit li dawn iż-żewġ* complaints *ma ġiex ippruvat li dawn kienu waslu għand l-Awtorità Nazzjonali tal-Logħba* (sic!) *għalkemm ix-xhieda mogħtija tat*

*dik l-impressjoni u għaldaqstant dawn il-*complaints *ma wasslux għall-ebda dannu lis-soċjetà initmata.*

*(b) Ġie innotat li filwaqt li il-każ kien mibni fuq "***poor work performance***" f'xhieda mogħtija mis-soċjetà issemiet konnessjoni ta' xi eżerċizzju ta'* ***Ristrutturar*** *tas-soċjetà intimata, li għalkemm f'dan il-perijodu ġiet mogħtija terminazzjoni lill-seba' impjegati inkluż lir-rikorrenti, ir-raġuni unika kienet simili għal kulħadd, dik ta' "****poor work performance****" u mhux raġuni oħra.*

*(c) It-Tribunal ma sab l-ebda konnessjoni bejn it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent u xi forma ta'* ***Ristrutturar*** *u lanqas ma sab l-ebda forma ta' xi proċess dixxiplinarju minħabba "***il-poor work work performance***" tiegħu, fejn ir-rikorrent jigi mogħti l-opportunità li jiddefendi id-drittijiet tiegħu.*

*(d) It-Tribunal innota mix-xhieda mogħtija minn naħa tas-soċjetà intimata permezz ta' Mehmet Tepecik, impjegat tas-soċjetà intimata, li fl-isfond li dan bħala impjegat beda il-karriera tiegħu xhur u snin wara l-impjegati oħra inkluż ir-rikorrent, kien f'temp relattivament qasir li dan ingħata promozzjoni. Dan seħħ wara li mill-grad simili għall-impjegati l-oħra hu kien beda jiġbed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu li l-kollegi tiegħu kienu qegħdin jagħmlu dak li hekk imsejjaħ "****enhanced due diligence****" fejn dan kien riferut minnu bħala ksur tar-regolamenti tas-soċjetà intimata. Dak li għamel ripetutament kellu effett determinanti għat-terminazzjoni tal-impjegati konċernati inkluż ir-rikorrent. Wara dawn it-terminazzjonijiet dan l-istess impjegat ġie mogħti il-promozzjoni.*

*It-Tribunal Industrijali wara l-analiżi tal-fatti fehem li filwaqt li minn jimpjega, u b'mod speċjali f'settur sensittiv bħal fil-każ odjern, għandu kull dritt li jittermina l-impjieg ta' minn jikser ir-regolamenti tal-kumpannija, iżda jekk sar xogħol b'aktar reqqezza milli suppost, u li dan ma irriżultax f'xi danni negattivi għas-soċjetà intimata, l-allegat ksur tar-regolamenti ma jistax jigi meqjus bħala nuqqas doluż.*

*Huwa importanti li t-Tribunal jiġbed l-attenzjoni li s-soċjetà intimata lanqas biss tat każ tal-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti fejn f'Art 12 clause 12.1 "*In the event of any dispute ________ within two days of a written request from any either party to the other meet in an effort to settle amicably"

*F'Art 13 clause 13.1* "Any breach by the employee of his obligations under this contract will render him/her subject to disciplinary proceedings___"*, apparti li fl-istess kuntratt tax-xogħol fi clause 3.51 hemm imsemmi (*Any act of gross misconduct, or repeated or continued (after a written warning___)

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijal ma setax jifhem kif fuq fatti li ma ġewx ippruvati fil-gravità taghhom, u fin-nuqqas ta' xi forma ta' proċess dixxiplinarju, anke jekk b'forma bażika, u meta hemm riferut, il-proċess dixxiplinarju kif ukoll, l-ewwel l-*amicable settlement, *u wara l-għotja ta'* warnings, *minn dan kollu ma jsir xejn iżda tinghata dik li t-Tribuanl Industrijali iqis f'dan il-kamp bħala l-piena kapitali, dik ta' terminazjoni mill-impjieg.*

*It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti ma kinitx għal raġuni ġusta u skont il-Liġi.*

*Għalhekk it-Tribunal Industrijali jitlob li ir-rikorrent, li għamel żmien konsiderevalment twil mingħajr impjieg, jingħata kumpens ta' €7,000 euro li għandhom jiġu mħallsa fi żmien ħmistax -il gurnata minn din id-deċiżjoni.*

*Dan il-kumpens qed jiġi ibbażat fuq dawn il-kriterji assunti għal dan il-każ per se.*

| | |
|---|---|
| *Tkeċċija għal raġuni inġusta* | *€3,000* |
| *Telfien ta' opportunità għall-impjieg f'Malta ikkaġunat mis-socjetà intimata, li b'hekk ir-rikorrenti ġie imġiegħel jitlaq mill-pajjiż minħabba żmien relattivament qasir sabiex jottjeni permess għax-xogħol f'Malta* | *€2,000* |
| *Kumpens għal telf finanzjarju ikkaġunati minħabba tluq mill-pajjiż li sofra minħabba il-waqfien tal-alloġġjament u it-tneħħija tal-vettura li kellu, f'qasir żmien* | *€2,000* |
| *Total* | *€7,000* |

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93 u 17-il ċenteżmu.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol"*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-26 ta' Frar, 2021, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-

deċiżjoni appellata. Is-segwenti huma l-aggravji tagħha (i) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin ta' dritt fl-interpretazzjoni ta' 'tkeċċija inġusta'; u (ii) il-kumpens likwidat mill-imsemmi Tribunal huwa nieqes minn motivazzjoni adegwata.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellat wieġeb fis-16 ta' Marzu, 2021 fejn qed isostni li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għaldaqstant, għar-raġunijiet li jfisser fit-tweġiba tiegħu, jissottometti li timmerita konferma fl-intier tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji rispettivi mressqa mis-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li kkostata u ddeċieda t-Tribunal, u meħuda wkoll inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

9. L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa li t-Tribunal allegatament għamel apprezzament ħażin tad-dritt fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' 'tkeċċija inġusta'. L-appellanta ssostni li l-interpretazzjoni li ta t-Tribunal kienet waħda monka għaliex ma kkunsidrax dak li huwa stabbilit u interpretat mill-Qrati, u anki ma qiesx b'mod adegwat il-provi li ressqet hi fir-rigward tat-tkeċċija, wara li skont hi, l-appellat kien aġixxa bi ksur tal-proċeduri tagħha, fejn baqa' jinsisti li jitlob informazzjoni eċċessiva lill-klijenti tagħha. Tissottometti li dan l-aġir tal-appellat seta' saħansitra jesponiha għal multi u anki għas-sospensjoni jew

revoka ta' liċenzja tal-logħob. Fil-każ odjern, dan l-aġir wassal sabiex ingħalqu l-kontijiet tal-klijenti ossia *players* fis-sit operat minnha u għalhekk hija ma setgħetx tkompli toffri s-servizz tagħha. Min-naħa tiegħu t-Tribunal kkonsidra b'mod żbaljat li n-nuqqasijiet tal-appellat kienu proprju xogħol li kien qed isir b'aktar reqqa, meta dan kollu huwa illoġiku meħud inkonsiderazzjoni l-proċeduri retti tas-settur li fih kienet topera. L-appellanta tgħid li dawn saħansitra waslu għal miżuri ta' infurzar *ai termini* tal-artikolu 8 tal-L.S. 583.06. Skont il-ġurisprudenza, ir-raġuni għal terminazzjoni ta' impjieg għandha tkun ta' ċerta serjetà u hawnhekk l-appellanta tiċċita siltiet minn sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ u mix-xogħol ta' N.M. Selwyn in sostenn tal-argumenti tagħha. Tagħlaq billi tirrileva li m'għandux jitwarrab il-fatt li l-appellat kien fdat b'pożizzjoni ta' responsabbiltà u ta' fiduċja, kemm fir-rigward tad-diriġenti u anki tal-klijenti. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens li sar mit-Tribunal, u tgħid li tali likwidazzjoni hija nieqsa minn motivazzjoni adegwata. Filwaqt li tiċċita l-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, tissottometti li l-appellat naqas milli jressaq prova dwar id-danni reali subiti minnu, wara li fl-*affidavit* iddikjara li huwa kien tilef €7,000 f'depożiti, assikurazzjonijiet, titjir tal-ajru u spejjeż legali. Dwar l-ammont ta' €2,000 likwidat mit-Tribunal fir-rigward ta' telfien ta' opportunità għall-impjieg f'Malta, is-soċjetà appellanta tirrileva li (i) huwa dak li jipprovdi x-xogħol li japplika għal *work permit,* u għalhekk ma kienx ireġi l-argument tal-appellat li n-nuqqas tagħha milli ġġedded il-*work permit,* telfu x-xogħol; (ii) is-settur li fih kienet topera kien wieħed kompetittiv, u għalhekk kien joffri bosta opportunitajiet ta' xogħol. Għalhekk kien proprju l-appellat li għażel li jitlaq minn Malta. Imbagħad għal dak li jirrigwarda l-kumpens ta' €3,000 għal

tkeċċija inġusta, is-soċjetà appellanta tissottometti li dan ma kienx fondat u f'kull każ kien wieħed eċċessiv.

10. L-appellat, filwaqt li jagħmel riferiment għas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal sentenza deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-23 ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet **Kenneth Vella *vs.* Seabank Catering Co. Ltd**[3], jikkontendi li l-appell odjern huwa wieħed imsejjes kollu kemm hu fuq l-apprezzament tal-provi u fatti li sar mit-Tribunal, u bl-ebda mod dan l-appell ma jindirizza xi vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' punt ta' dritt. Mingħajr preġudizzju għal din l-ewwel sottomissjoni, l-appellat imbagħad jindirizza l-aggravji mressqa mill-appellanta. Dwar l-ewwel aggravju l-appellat jinsisti li mhuwiex minnu li t-Tribunal naqas li jagħmel apprezzament tajjeb tad-dritt u li naqas milli jippronunzja ruħu dwar diversi sottomissjonijiet li għamlet is-soċjetà appellanta fir-rigward tat-tkeċċija inġusta. In sostenn tal-argument tiegħu huwa jiċċita dak li qal it-Tribunal dwar l-allegazzjoni ta' ksur tar-regolament li għamlet l-appellanta, anki fir-rigward tal-provi li tressqu mill-appellanta, u jagħmel riferiment għal diversi xhieda sabiex juri n-nuqqas ta' prova fir-rigward. Għal dak li jirrigwada t-tieni aggravju, l-appellat jgħid li hawn ukoll l-appellanta qiegħda tagħmel sottomissjonijiet dwar l-apprezzament tal-fatti u provi kif magħmula mit-Tribunal. Dan filwaqt li ċċita estensivament mis-sentenza fl-ismijiet **Peter Spiteri** vs. **Xuereb Glass Co. Ltd**[4], deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2005.

---

[3] App. Inf. 38/2007.
[4] App. Inf. 8/2004.

11. Kif sewwa jirrileva l-appellat, is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 jagħti dritt ta' appell mis-sentenza tat-Tribunal fuq punt ta' liġi biss, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud inkonsiderazzjoni li t-talba tar-rikorrent lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk l-appell interpost mill-appellanta jinkwadrax ruħu fil-parametri stabbiliti mil-liġi.

12. L-ewwel aggravju li tressaq is-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tad-dritt fejn dan jolqot l-interpretazzjoni ta' 'tkeċċija inġusta'. Iżda dwar din l-interpretazzjoni żbaljata l-appellanta ma tgħid xejn aktar, u minflok tgħaddi sabiex turi kif it-Tribunal naqas milli jikkonsidra b'mod adegwat il-provi tagħha in sostenn tal-argument li ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta, għaliex għaliha kien hemm raġunijiet tajba li jiġġustifikaw it-tkeċċija tal-appellat. Madankollu dak li qed jitlob l-appellant minn din il-Qorti, ġie prekluż mil-leġiżlatur, li ma riedx li l-apprezzament li jkun għamel it-Tribunal tal-provi rigwardanti t-tkeċċija inġusta tal-impjegat, jiġu sindakati minn din il-Qorti.

13. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-allegat nuqas ta' motivazzjoni tal-imsemmi Tribunal meta dan ġie sabiex illikwida l-kumpens. Għandu mill-ewwel jingħad li l-eżerċizzju hawnhekk mhux ser ikun wieħed fejn il-Qorti ser teżamina jekk it-Tribunal kellux provi biżżejjed sabiex jasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens ordnat lill-appellat, iżda għandu jiġi limitat għal dak li jipprovdi għalih is-subrtikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti dan qiegħda tgħidu għaliex is-

soċjetà appellanta, bħalma jiġri bosta drabi quddiem din il-Qorti, qiegħda hawn tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-istess Kap. 452 sabiex tittenta tottjeni l-apprezzament mill-ġdid tal-provi. Il-Qorti għalhekk ser tfittex sabiex tara jekk tassew it-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni meta stabbilixxa l-kumpens dovut lill-appellat.

14. Dwar l-ewwel kriterju *"tkeċċija għal raġuni inġusta",* it-Tribunal ma offra l-ebda spjegazzjoni dwar kif wasal għall-ammont ta' kumpens. Iżda għandu jingħad li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata kien diġà indaga fil-fond u kkonstata li t-tkeċċija kienet waħda inġusta, u dan wara li kkonsidra (a) li l-allegat ksur da parti tal-appellat ma kienx wassal għal danni negattivi għall-appellanta u lanqas ma seta' jiġi meqjus bħala nuqqas doluż u (b) li ġie mwarrab dak li jipprovdi għalih il-kuntratt tax-xogħol. Barra minn hekk, għalkemm imsemmi fit-tieni kriterju adottat mit-Tribunal, dan tal-aħħar ikkonsidra wkoll il-fatt li t-tkeċċija tal-appellat viċin id-data tal-iskadenza tal-permess tax-xogħol/residenza tiegħu, ma ħallielu l-ebda għażla għajr li jitlaq minn Malta minnufih mingħajr ma jfittex xogħol alternattiv. Għalhekk il-Qorti tqis li dawn ir-raġunijiet li offra t-Tribunal għandhom jitqiesu bħala motivazzjoni suffiċjenti.

15. It-tieni kriterju li applika t-Tribunal huwa spjegat aktar fil-fond, tant hu hekk li m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li hawnhekk it-Tribunal kien qed jieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li bil-mod tat-tkeċċija tiegħu, l-appellat tilef ukoll l-opportunità li jaħdem hawn Malta.

16. Fl-aħħar nett il-Qorti tagħraf li l-kumpens li l-appellat ingħata taħt it-tielet kriterju, huwa wkoll wieħed li t-Tribunal pprovda l-motivazzjoni għalih.

Hawnhekk it-Tribunal qies li fi żmien qasir l-appellat kellu jitlaq minn Malta u anki jbigħ il-vettura tiegħu, u l-Qorti tqis li dawn il-fatturi huma motivazzjoni suffiċjenti sabiex ġie ffissat kumpens għat-telf finanzjarju tiegħu riżultat ta' dan.

17. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**